**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 15 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 393/02 AJD**

**The General Soft Drinks Co. Ltd.**

**vs**

**Marco Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Frar, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u tletin liri Maltin u disa' centezmi (Lm1,330.09), prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata fi 3 R's Self-Service, B'Kara (Dok. 1).
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet mill-14 ta' April, 2000, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Aldo Saliba, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u

jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' elf, tlett mija u tletin liri Maltin u disa’ centezmi (Lm1,330.09), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**